



Brussell, 2 ta' Mejju 2019
(OR. en)

8402/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0402(NLE)**

**CES 11
INST 107**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

1. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bħalissa hija ddeterminata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1157¹. Il-Premessa (6) tagħha tistipula li d-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta mill-Kunsill, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni, fil-ħin għall-mandat tal-Kumitat li jibda fl-2020.
2. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1157 adattat il-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew wara l-adeżjoni tal-Kroazja: L-Estonja, Ċipru u l-Lussemburgu kollha tilfu siġġu wieħed sabiex jindirizzaw id-diskrepanza bejn l-għadd massimu ta' membri stabbilit mit-Trattat (350) u l-għadd ta' membri wara l-adeżjoni tal-Kroazja.

¹ ĠU L 187, 15.7.2015, p. 28.

3. Fid-29 ta' Novembru 2018 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew². Billi jitqies li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ser jirriżulta f'24 siġġu vakanti fil-Kumitat, il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi li ġġib lura l-bilanċ fl-allokkazzjoni tas-siġġijiet, billi tagħti lura lill-Estonja, lil Ċipru u lil-Lussemburgu kull wieħed is-siġġu li kienu tilfu wara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1157, u billi tħalli l-bqija tas-siġġijiet vakanti bħala riżerva għal tkabbir possibbli fil-futur.
4. Madankollu, iddaħħlet klawżola speċifika għall-każ fejn ir-Renju Unit ikun għadu Stat Membru fid-data tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni l-ġdida tal-Kunsill, fil-21 ta' Settembru 2020. F'dak il-każ, il-kompożizzjoni tal-Kumitat ser tkun dik prevista fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1157, attwalment fis-seħħ, sakemm il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jsir legalment effettiv.
5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-25 ta' Jannar 2019, it-8 ta' Frar 2019 u t-12 ta' April 2019 u setgħet tintlaħaq unanimità fuq il-kompożizzjoni proposta.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test konsolidat tal-Presidenza u
 - jistieden lill-Kunsill jadotta t-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew li jinsab fid-dok. 8937/19 CES 12 INST 123, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, f'laqgħa li jmiss.

² 14536/18.